# RITRATTI FL-IMGĦODDI

Minn Mario Fenech



❑ Il-Poplu tal-Ħamrun huwa magħruf sew għal mod li bih jiċċelebra xi okkażjoni speċjali, kemm jekk din tkun waħda reliġjuża, kif ukoll jekk din tkun xi okkażjoni Sportiva jew Soċjali. It-Teatru ta' dawn iċ-Ċelebrazzjonijiet dejjem tkun Triq il-Kbira San Ġużepp, u t-toroq friegħi li joħorġu minnha. F'dawn ir-ritratti li għandi fil-kollezzjoni tar-ritratti antiki, għandu wħud minn dawn l-okkażjonijiet speċjali. Għażilt uħud minnhom għal dan l-artiklu.

1. F'dan ir-ritratt naraw l-istatwa ta' San Gejtanu fi Triq l-Kbira, ftit tal-ħin wara li kienet għada kemm nħarġet mill-knisja għal purċissjoni. Ninnutaw ir-reffiegħa ta' l-istatwa lebsin il-barnuż, filwaqt li dawk tal-forcini qegħdin mingħajru. Mal-ġemb tat-triq fuq in-naħa tax-xellug jidher wieħed mill-anġli li jintramaw għal din il-festa, filwaqt li ftit aktar 'l hinn fuq iż-żewġ naħat tat-triq naraw l-arbli bit-trofej. Dan ifisser li s-sett tal-pavaljuni u bandolari l-qodma kien għadu ma sarx.

2. Hawnhekk għandna ritratt tal-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp nieżla mit-triq ta' ħdejn is-suq. Sfortunatament l-istatwa ta' San Ġużepp ma tantx tidher ċara f'din ix-xena, sforz iż-żmien li għadda minn fuq dan ir-ritratt. Meta flejt sew ir-ritratt sibt li l-istatwa kienet għada ma ġietx indurata u sgraffita, tant li l-panneġġi fil-libsa ta' San Ġużepp huma xi ftit differenti minn kif nafuhom illum. Il-folla tan-nies li hemm madwar u wara l-istatwa huma xhieda ta' kemm kienet popolari din il-festa mal-Ħamruniżi. Hawnhekk ukoll ir-reffiegħa ta' l-istatwa huma lebsin il-barnuż. Il-fatt li l-purċissjoni tidher viċin id-dħul tagħha lura fi Triq il-Kbira, f'ħin li kien għadu ma dalamx u li fit-triq m'hemm l-ebda sinjal ta' armar, juruna biċ-ċar kemm kienu iebsin ir-regolamenti ta' l-awtoritajiet rigward iċ-

1



ċelebrazzjonijiet tal-festi sekondarji.

3. Għal darb'oħra għandna ritratt ta' okkażjoni speċjali fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Huwa fatt magħruf, kemm kienet issir bil-kbir, il-purċissjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù fil-Ħamrun. Dan ir-ritratt huwa xena ta' waħda minn dawn il-purċissjonijiet. Naraw it-triq li mill-Blata l-Bajda twasslek lejn Pjazza San Pawl. Fuq quddiem naraw stakkament ta' l-iscouts bil-pulizija fuq iż-żiemel qiegħed iressaq lin-nies lura mal-ġemb tat-Triq. Wara, fil-purċissjoni naraw għadd kbir ta' fratelli bil-konfratrija u l-barnuż nexjin wara t-tlett standardi tal-fratellanzi tagħhom. Fir-ritratt jidhru madwar erbgħin fratell, numru ferm akbar minn dak li naraw fil-purċissjonijiet li jsiru llum fil-festi tagħna. In-nies maż-żewġ naħat tat-triq huma ħafna ukoll. Forsi waqt il-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù li ssir fil-preżent fil-Ħamrun ma jkunx hemm daqs tant nies, iżda waqt il-marċi tal-festa matul il-jiem tal-ġimgħa u waqt li tkun għaddejja l-istatwa ta' San Gejtanu żgur li jkun hemm folol kbar ta' nies bħal ma jidhru f'dan ir-ritratt.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.




